ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Primarji 2015**

**IS-SITT SENA** **IR-RELIĠJON** **IL-ĦIN: Siegħa u kwart**

L-Isem: ______________________________ Il-Klassi: ______________

**Din il-karta tal-eżami fiha GĦAXAR taqsimiet.**

**Aqra sewwa l-istruzzjonijiet fit-titli ta' kull eżerċizzju.**

**Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA.**

**Għall-użu tal-għalliema**

| Taqsima A | Taqsima B | Taqsima C | Taqsima D | Taqsima E | Taqsima F | Taqsima G | Taqsima H | Taqsima I | Taqsima J | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 10 | 10 | 12 | 12 | 9 | 9 | 8 | 10 | 10 | 10 | 100 |
| | | | | | | | | | | |

**TAQSIMA A** **(10 marki)**

**STORJA TA' MĦABBA**

**Imla l-vojt bil-kliem provdut. L-ewwel waħda hija eżempju.** *(4 marki)*

| Mosè | ~~Salamun~~ | Gabrijel | Adam | San Stiefnu |
|---|---|---|---|---|

1. Salamun kien sultan għaref ħafna.
2. L-arkanġlu ______________________ talab lil Marija biex tkun Omm Alla.
3. ______________________ ta ħajtu għall-Aħbar it-Tajba.
4. Fil-Bibbja naqraw li l-ewwel bniedem fid-dinja kien jismu ______________________ .
5. Il-poplu Lhudi ħareġ mill-Eġittu taħt it-tmexxija ta' ______________________ .

**Imla l-vojt billi tkompli l-kelma. L-ewwel ittra qiegħda tingħata. In-numru 6 hija eżempju.** *(4 marki)*

6. Il-**K**mandamenti juruna kif għandna ngħixu biex ħajjitna tkun aħjar.
7. Il-**k**_________________ hija l-leħen ta' Alla ġewwa fina.
8. Fit-Testment il-Qadim, Alla kien jikkomunika mal-poplu tiegħu permezz tal-**p**_____________.



**Wieġeb din il-mistoqsija.**

**Ġesù ġabar l-għaxar kmandamenti fil-kmandament tal-imħabba.**

9. Ikteb dan il-kmandament.

_________________________________________________________________

_________________________________________________________ *(2 marki)*

**TAQSIMA B** **(10 marki)**

**IL-BIBBJA**

**Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B billi timla n-numri minn 2 sa 5 fil-kolonna tan-nofs. L-ewwel waħda hija eżempju.** *(4 marki)*

| | **Kolonna A** | | **Kolonna B** |
|---|---|---|---|
| 1. | Ġesù għażel | | insibu l-kotba tal-Profeti. |
| 2. | Il-Bibbja hija ġabra | | insibu l-ittri tal-Appostli. |
| 3. | Fost l-Evanġelisti | **1** | tnax-il appostlu. |
| 4. | Fit-Testment il-Ġdid | | ta' 73 ktieb. |
| 5. | Fit-Testment il-Qadim | | insibu lil San Mark u San Ġwann. |

**Imla l-vojt billi tkompli l-kelma. L-ewwel ittra qiegħda tingħata.** *(4 marki)*

6. Fit-talba tal-Missierna nitolbu lil Alla għal **ħ**_________________ ta' kuljum.

7. Il-Bibbja twassal il-**m**_________________ ta' mħabba li Alla għandu għall-bniedem.

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

8. F'liema Testment tal-Bibbja nsibu dawn il-ġrajjiet?

(a) Ir-rakkont tat-twelid ta' Ġesù.

_________________________________________________________*(marka)*

(b) L-istorja ta' Adam u Eva.

_________________________________________________________*(marka)*

**TAQSIMA C** **(12-il marka)**

**IL-KALENDARJU**

**Poġġi fl-ordni dawn il-festi skont kif jiġu ċċelebrati mill-Knisja matul is-Sena Liturġika. L-ewwel waħda qed tingħata.** *(4 marki)*

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Ir-Randan | ~~L-Avvent~~ | L-Għid il-Kbir | Il-festa ta' Kristu Re | Il-Milied |

| | |
|---|---|
| 1. | L-Avvent |
| 2. | |
| 3. | |
| 4. | |
| 5. | |



**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

6. Semmi **tnejn** mis-sagramenti hekk imsejħin 'tal-bidu'.

(a)________________________________________*(marka)*

(b)________________________________________*(marka)*

7. Għaliex jissejħu sagramenti 'tal-bidu'?

____________________________________________

________________________________________*(2 marki)*

8. (a) Semmi sagrament li jġib il-fejqan.

_____________________________________________ *(marka)*

(b) Spjega x'tip ta' fejqan iġib dan is-sagrament.

_____________________________________________

_____________________________________________ *(2 marki)*

9. F'liema sagrament Alla jbierek lill-mara u lir-raġel biex jibdew familja ġdida?

_____________________________________________ *(marka)*

**TAQSIMA D** **(12-il marka)**

**NIKKOMUNIKAW**

**Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.**

1. Il-bniedem mhux maħluq biex jgħix (waħdu, mal-oħrajn, fi grupp). *(marka)*

2. Ħafna drabi Ġesù jxebbah lilu nnifsu ma' (pittur, ragħaj, għalliem). *(marka)*



**Ħares lejn l-istampa u wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

3. X'tifhem bil-kelma 'parabbola'?

_____________________________________________

_____________________________________________ *(2 marki)*

4. F'liema parabbola tfakkrek din l-istampa?

_____________________________________________ *(marka)*

5. Minn din il-parabbola rrid nifhem li ____________________________________

______________________________________________________________________

_____________________________________________________________*(3 marki)*

6. Permezz ta' liema sagrament, ta' kuljum niċċelebraw l-imħabba kbira li Ġesù għandu għalina?

______________________________________________________________*(marka)*

**Ta' spiss inweġġgħu u nonqsu lil xulxin, kultant bi żball u kultant apposta.**



7. B'liema sagrament Ġesù jwasslilna l-maħfra tiegħu?

______________________________________________________________*(marka)*

8. Semmi **żewġ** passi li għandek tagħmel biex fil-verità taħfer lil min naqsek.

(a) _________________________________________________________*(marka)*

(b) __________________________________________________________*(marka)*

**TAQSIMA E** **(9 marki)**

**SIMBOLI TA' MĦABBA**

**Agħżel liema minn fost ir-reliġjon MUSULMANA, LHUDIJA u KATTOLIKA taqbel mal-kelma f'Kolonna A. L-ewwel waħda hija eżempju.** *(5 marki)*

| | **Kolonna A** | **Kolonna B** |
|---|---|---|
| 1. | Il-Bibbja | KATTOLIKA |
| 2. | Il-Menorah | |
| 3. | Il-Kalċi | |
| 4. | Il-Moskea | |
| 5. | Is-Sinagoga | |
| 6. | Il-Minaret | |





**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

7. (a) Semmi wieħed mis-simboli li jissemmew fil-ġrajja tal-Pentekoste.

_______________________________________________________*(marka)*

(b) X'jirrappreżenta dan is-simbolu?

_______________________________________________________(marka)

**Ġesù jqabbel lilu nnifsu mal-ħobż li nieklu ta' kuljum. Huwa jgħidilna li jekk xi ħadd jiekol minn dan il-ħobż, jgħix għal dejjem.**

8. X'taħseb li Ġesù ried ifisser b'dan il-kliem?

___________________________________________________________

_______________________________________________________(2 marki)

**TAQSIMA F** **(9 marki)**

**PONTIJIET**

**Agħżel il-kelma t-tajba billi taqta' sinjal taħtha.** *(3 marki)*

1. Fil-ktieb (tal-Eżodu, tal-Ġenesi, tas-Salmi) naqraw li Alla ħalaq kollox.
2. Alla jrid li l-bnedmin ikunu (għedewwa, miġġildin, ħbieb) miegħu u bejniethom.
3. Il-kelma (reliġjon, ġenna, qdusija) tfisser rabta ta' fidi.

**Imla l-vojt billi tkompli l-kelma. L-ewwel ittra qiegħda tingħata.** *(4 marki)*

4. L-għira u l-pika jġibu l-**f**_______________ fost il-bnedmin u minn ma' Alla.
5. Bħal Ġesù, għandna nuru **r**_________________ lill-bnedmin kollha.

**Wieġeb din il-mistoqsija.**

6. Għaliex Ġesù ġie fid-dinja?

___________________________________________________________

_______________________________________________________(2 marki)

**TAQSIMA G** **(8 marki)**

**ID-DAWL U D-DLAM**

**Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.**

1. Alla kellem lil (San Pawl, Mosè, San Pietru) permezz ta' siġra taqbad. *(marka)*

2. (San Pawl, Mosè, San Pietru) ra dawl qawwi meta kien fi triqtu lejn Damasku. *(marka)*

**Imla l-vojt billi tkompli l-kelma. L-ewwel ittra qed tingħata.** *(4 marki)*

3. Fil-festa tal-Għid il-Kbir niċċelebraw il-**q**_______________ mill-mewt ta' Ġesù.

4. Ix-xemgħa t-twila li tirrappreżenta d-dawl ta' Ġesù nsejħulha **B**_______________.

**Wieġeb din il-mistoqsija.**



Spjega permezz ta' **eżempju** kif int tista' tkun id-dawl ta' Ġesù fil-ħajja ta' kuljum.

________________________________________________________________________

________________________________________________________________ *(2 marki)*

**TAQSIMA H** **(10 marki)**

**LANTERNI**

**Imla l-vojt b'kelma li tagħmel sens.**

1. Fl- ___________________ tal-Appostli naqraw dwar il-miġja tal-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli.

2. Il-festa tat-tlugħ ta' Ġesù fis-sema nistgħu nsejħulha __________________.

3. Il-Papa Ġwanni Pawlu II kien devot kbir tal- ______________________.

4. Madre Tereża kienet tara lil Ġesù fil-____________________.



5. Il-mara Samaritana biddlet ħajjitha wara l-laqgħa tagħha ma' ___________________.

**TAQSIMA I** **(10 marki)**

**IT-TALB**

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

1. X'ikun qed jagħmel in-Nisrani meta jitlob?

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________*(2 marki)*

2. Ikteb **żewġ** ingredjenti tat-talb.

(a) ________________________________________________________ *(marka)*

(b) ________________________________________________________ *(marka)*

3. Liema talba għallimna Ġesù?

__________________________________________________________ *(2 marki)*

4. Semmi **żewġ** okkażjonijiet fejn Ġesù talab.

(a) ________________________________________________________ *(marka)*

(b) ________________________________________________________ *(marka)*

5. Liema hija l-akbar talba għalina l-Insara?

____________________________________ *(2 marki)*



**TAQSIMA J** **(10 marki)**

**IMSEJĦIN BIEX INSIRU QADDISIN**

**Imla l-vojt billi tkompli l-kelma. L-ewwel ittra qiegħda tingħata.** *(4 marki)*

1. Imberkin il-**f**_______________ għax tagħhom hija s-saltna tas-smewwiet.

2. Imberkin ta' qalbhom **ħ**_______________ għax huma jkollhom b'wirthom l-art.

3. (a) Ikteb **żewġ** sentenzi fuq il-ħajja ta' **Santa Marija Goretti.** *(4 marki)*

i. ______________________________________________

______________________________________________

ii. ______________________________________________

______________________________________________

(b) X'titgħallem mill-ħajja ta' din il-qaddisa?

______________________________________________

______________________________________________*(2 marki)*

**TMIEM IL-KARTA**